31992D0509

30.10.1992 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 313/71

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
## tad-19 ta' Ottubru 1992
## li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim Qafas għall-koperazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj

(92/509/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 235 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ([1]),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ([2]),

Billi l-Komunità għandha tapprova, biex tilħaq l-għanijiet tagħha fil-qasam tar-relazzjonijiet ekonomiċi esterni, il-Ftehim Qafas għall-kummerċ u l-koperazzjoni ekonomika mar-Repubblika tal-Paragwaj,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-Ftehim Qafas għall-kummerċ u l-koperazzjoni ekonomika bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Paragwaj hu hawnhekk approvat għan-nom tal-Komunità.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill għandu jinnotifika kif preskritt fl-Artikolu 25 tal-Ftehim ([3]).

*Artikolu 3*

Il-Kummissjoni, assistita minn rappreżentant ta' l-Istati Membri, għandha tirrappreżenta l-Komunità fil-Kumitat Konġunt imwaqqaf mill-Artikolu 21 tal-Ftehim.

*Artikolu 4*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-ġurnata li tiġi wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fil-Lussemburgu, fid-19 ta' Ottubru 1992.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

D. CURRY

([1]) ĠU C 309, tad-29.11.1991, p. 6.
([2]) ĠU C 150, tal-15.6.1992, p. 363.
([3]) Ara paġna 82 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali.